

Brussell, 20 ta' Frar 2026
(OR. en)

6338/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0390 (APP)**

**COMPET 185
RECH 61
FIN 269
ENER 69**

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	6123/26
Nru dok. Cion:	16710/25 + ADD 1 + ADD 2
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar ----- Approċċ ġenerali

1. Fl-10 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
2. F'konformità mal-Protokoll Nru 37, il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (RFCS) huwa programm ta' riċerka tal-UE, iffinanzjat barra mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali mid-dħul tal-assi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'likwidazzjoni allokat għal dan il-fond. Il-RFCS jiffinanzja esklużivament proġetti ta' riċerka fis-setturi tal-faħam u l-azzar.

3. Id-Deċiżjoni proposta hija parti minn pakkett ta' proposti biex jiġi rivedut il-qafas legali tal-RFCS sabiex jiġi previst finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu appoġġati d-dekarbonizzazzjoni, it-tranżizzjoni nadifa u l-kompetittività tas-setturi tal-faħam u tal-azzar. Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex jintużaw l-assi mhux allokat li jifdal tal-KEFA f'likwidazzjoni, kif ukoll kwalunkwe fond mhux impenjat li jifdal minn sejħiet preċedenti tal-Programm ta' Riċerka RFCS.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka ddiskuta l-proposta f'erba' okkażjonijiet u qabel dwar f'tit emendi, prinċipalment fir-rigward tal-ammont tal-allokkazzjoni annwali għall-finanzjament tar-riċerka fis-setturi tal-faħam u l-azzar kif ukoll it-tul tal-programm. Il-proposta ġiet diskussa wkoll f'laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji, li ffokat fuq l-aspetti relatati mal-ġestjoni tal-assi tal-fond u dispożizzjonijiet finanzjarji oħra. It-test maqbul jinsab fl-addendum għal din in-nota.
5. Fit-18 ta' Frar, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti seta' japprova l-qbil li ntlaħaq fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma.
6. F'konformità mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 37 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-iskadenza tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tintalab mill-Kunsill qabel l-adozzjoni tiegħu.
7. Il-Kunsill huwa għalhekk mistieden jilħaq approċċ ġenerali kif jinsab fid-dok. 6338/26 ADD 1 fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Frar 2026.